# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — MARZU 1945

## IS-SENA 1945

### Xi Tfisser Għall-"Għaqda"

*IS-SENA 1945 hija għall-Għaqda waħda mis-snin ta' l-egħżeż tifkira li tistħoqq li tibqa' mniżżla fil-ktieb ta' ħajjitha b'ittri tad-deheb. Aħna għandna għalfejn nifirħu lilna nfusna, u l-iktar lil dawk l-ewwel nies li waqqfu l-ewwel ġebliet ta' din ix-Xirka Akkademika Maltija u li xi wħud minnhom għadhom fostna, għax-xogħol storiku li l-Għaqda kellha l-ħila tagħmel fl-erbgħa u għoxrin sena u fuqhom li ilha ħajja. Fl-14 ta' Novembru ta' dis-sena li dħalna fiha l-Għaqda tagħlaq ħamsa u għoxrin sena ħajja—ħajja li fiha hija ħadmet, xi mindaqqiet taħt l-akbar xkiel, għawġ u tehdid li minnhom irnexxielha teħles b'wiċċ il-ġid sakemm rebħet ir-riħ, u l-lum, wara li għalbet il-mewġ kollu li qam għaliha nistgħu ngħidu li hi mexja bil-qlugħ miftuħin lejn ir-rotta tagħha bit-tama li tissokta timxi dejjem għal triqtha bla biża' li jista' jerġa' jqum il-baħar għaliha u jagħlibha.*

*L-ebda Xirka tal-Malti li s'issa twaqqfu biex jibnu ortografija u letteratura ma kellhom il-ħila jwettqu u jseħħu l-ħsieb tagħhom u jgħixu daqs kemm s'issa għaxet l-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. *Aħna ma noqogħdux insemmu waħda waħda l-ħidmiet li saru minn kittieba biex joħolqu sistema ta' kitba maltija minn żmien De Soldanis 'l hawn, jiġifieri, minn mitt sena u ħamsa u desgħin sena 'l hawn — ħidmiet li sefgħu fix-xejn, l-ewwelnett l-għaliex ma kinux imfasslin fuq prinċipji sodi u popolari u t-tieni l-għaliex ma sabux art tajba li fiha kulma żergħu seta' jinbet. Insemmu biss dawk l-Għaqdiet li twaqqfu qabel il-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.. *Dawn kienu, sa fejn nafu, xi erbgħa; l-ewwel waħda s-*Società Medika *(1840) li minn ħdanha kienet għażlet Kummissjoni biex twettaq l-Alfabet Fonetiku tal-Prof. Zerafa, it-tieni l-*Accademia Filologica, *l-iktar fost l-erbgħa li damet tgħix; fl-istess sena, kienet ħarġet b'Alfabet li mexa 'l quddiem fl-Iskejjel u li fuqu wkoll kien mexa l-Kumitat ta' Xirka imwaqqaf fl-1894, biex isawwar Alfabet u reguli ta' l-ortografija maltija għall-kittieba; it-tielet kienet ix-*Xirka Xemïa *li twaqqfet fl-1882 u li kienet saħansitra daħlet fl-Iskejjel fejn, tista' tgħid ħaffret qabarha ftit wara li twieldet; wara din, kif semmejna (fl-1894) ħabtet tinbet u titwaqqaf Xirka oħra li nfirdet qabel ma*

*kienet temmet u xandret ix-xogħol tagħha. Xi ħjiel tax-xogħol li kellu jsir minnha narawh fil-*Muftieħ tal-Kitba Maltija *ta' Ġanni Vassallo, b'sistema li hi l-iktar ixxurtjata fost dawk ta' qabel, għax sakemm il-kitba tal-Għaqda ma daħletx bħala kitba uffiċjali fl-amministrazzjoni tal-Gvern, fl-Iskejjel u fil-Qrati, hija biss li beqgħet tidher fl-aħjar kotba, bħala l-aktar sistema grammatikali u popolari, u biha wkoll inqeda l-Gvern malli daħal il-Malti fil-Gazzetta tal-Gvern u fl-Atti l-oħra uffiċjali sakemm fl-aħħarnett b's-saħħa ta' l-Ittri Patenti ta' l-1934, il-Gvern kellu s-setgħa jdaħħal il-Malti bħala lsien uffiċjali tal-Qrati u bħala materja ta' tagħlim fl-Iskejjel u għalhekk qata' li għall-kitba u pubblikazzjonijiet Governattivi jinqeda bis-sistema tal-Għaqda.*

*Il-lum l-Għaqda, b'riħet iċ-ċirkustanzi tal-ħajja ġdida fit-tmexxija ta' l-amministrazzjoni tal-pajjiż, setgħet twaqqaf riġlejha fuq art soda. Hija kellha x-xorti tgħix s'issa ħajja bizżejjed twila, l-itwal u l-isbaħ waħda fost dawk ta' qabilha. Minn mindu nħolqot, kulħadd jaf xi swiet għal-letteratura maltija. Minnha l-ewwelnett tnisslu fergħat oħra, u għalhekk, tista' tgħid, hija l-Omm tagħhom. Mill-Għaqda nistgħu ngħidu nibtet is-sistema tat-tagħlim tal-Malti fl-Iskejjel u fl-Università u minnha, u mill-moviment li qajmet, jekk toqgħod tifli ċ-ċirkustanzi kollha, inħolqot il-Kattedra tal-Letteratura u Filoloġija Maltija fl-Università, —imsejħa b'isem iżjed fil-wisa' ta' Kattedra tal-Lsien Malti u ta' l-Ilsna Orjentali.*

*Għalhekk is-sena 1945 tfisser rebħa għall-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti *u għall-Għaqdiet kollha li tnisslu minnha.*